

**EMENDI 001-002**

mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**Rapport**

**Jepe Kofod**

**A8-0271/2015**

Ftehim Svizzera-UE dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji

Abbozz ta' deċiżjoni (08266/1/2015 – C8-0169/2015 – 2015/0076(NLE))

---

**Emenda 1**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Abbozz ta' deċiżjoni*

1. Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll Emendatorju<sup>4</sup>.

---

<sup>4</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Emenda*

1. Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 2(1) **u l-Artikolu 4** tal-Protokoll Emendatorju<sup>4</sup> **sabiex jiġi żgurati li r-regoli dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet rapportabbli qed jiġu segwiti u li l-kollaborazzjoni dwar il-konformità u l-infurzar hi permessa.**

---

<sup>4</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll Emendatorju għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

**Emenda 2**

**Abbozz ta' deċiżjoni**

**Artikolu 2 – paragrafu 2**

*Abbozz ta' deċiżjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Konfederazzjoni Żvizzera u lill-Istati Membri dwar in-notifikazzjonijiet mogħtija skont il-punt (d) tal-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ***kif tirriżulta mill-Protokoll*** Emendatorju.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Konfederazzjoni Żvizzera u lill-Istati Membri dwar in-notifikazzjonijiet mogħtija skont il-punt (d) tal-Artikolu 1(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji sabiex tittejjeb il-konformità fiskali internazzjonali ***f'konformità mal-Protokoll*** Emendatorju.